MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Numru 1322/2007

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J Borg)
vs
George Sarcia, iben Victor, imwieled Qormi fl-24 ta' marzu, 1955

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fil-31 ta' awissu, 2007 għal ħabta tat-8.00 p.m. fi Triq l-Iskola, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' Leonarda Borg, liema ħsara tiskorri l-valur ta' ħamsin lira maltin (Lm50) imma mhux il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
b. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi fi Triq il-Paroċċa, Sqaq numru 1, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew

immobbli, għad-dannu ta’ Ruth Agius, liema ħsara tiskorri l-valur ta’ ħamsin lira maltin (Lm50) imma mhux il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
c. talli kisser, ġarraf, sfigura jew b’mod ieħor għamel ħsara lill-monument, statwa jew oġġett ieħor tal-arti, li qiegħed għall-vantaġġ tal-pubblliku jew għaż-żina pubblika, u li kienet ġiet imwaqqfa mill-awtorita’ pubblika;
d. talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna li Josephine Cutajar tibża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ tagħha jew kontra l-persuna jew proprjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti jew aħwa subien jew bniet;
e. talli volontarjament kiser il-buon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, tipprovdi skond l-artikolu 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali, favur Silvio Borg u Josephine Cutajar.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ jannar, 2008 fejn il-prosekuzzjoni rtirat it-tielet akkuża kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ jannar, 2008 fejn l-imputat seduta stante ħallas is-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin euro (€233) danni lil Leonarda Borg u is-somma ta’ erba’ mija u erbgħa u ħamsin euro u ħamsa u għoxrin ċentesimu (€454.25) danni lil Ruth Agius.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ jannar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tielet akkuża miġjuba kontra l-imputat. Issibu ħati tal-akkużi kollha l-oħra. Rat l-artikoli 325(1)(b), 251B(1) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u torbot lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta l-familji

Borg u Cutajar għal żmien sena mil-lum taħt penali ta' mitejn u tletin euro (€230).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------